MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 488/2002/1

Kawza fil-lista: 45

**V N**
**vs**
**T N**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti zzewgu fil-5 ta’ Ottubru 1964 skont ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. MV 1;

U premess illi t-tfal tal-kontendenti mill-istess zwieg illum huma kollha maggorenni.

U premess illi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibli, permezz ta' adulterju, abbandun, eccessi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti tieghu fil-konfront tal-istess attrici, u ghalhekk iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

U premess illi l-kontendenti gew debitament awtorizzati sabiex jipprocedu bl-istanzi permezz tad-digriet appozitu tal-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili Digriet numru 1504/2001 hawn anness u mmarkat Dok. MV 2;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut il-ghaliex m' ghandhiex din il-Qorti, prevja okkorrendo kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija li:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat;

2. Tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn mal-konvenut;

3. Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli mill-konvenut lill-attrici ghaliha tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna illi dawn l-alimenti jigu mnaqqsa direttament mis-salarju tieghu mill-impjieg li huwa ghandu.

4. Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jippercepixxi manteniment minghand l-attrici.

5. Tapplika kontra l-konvenut l-effetti *in toto* jew *in parte* tal-artikoli 48 u 51 tal-Kapitlu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lill-attrici.

6. Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f' zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-attrici u porzjon lill-konvenut *ope sententiam*. Filwaqt li tinnomina

nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici l-beni kollha dotali u/jew parafernali li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jaghmel dan, tikkundannah ihallas lill-attrici dik is-somma li ghandha tigi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.

8. Tawtorizza lill-attrici sabiex tghix u tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan l-iskop.

Bl-ispejjez u bil-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat i-nota tal-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

1. Illi ghalkemm l-esponenti mhux qed joggezzjona ghat-talba tal-attrici illi tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet kontendenti, madanakollu jeccepixxi illi z-zwieg tkisser irrimedjabilment minhabba htijiet imputabbli lill-attrici, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi jsegwi illi b' referenza ghat-tielet u r-raba' talba, dawn ghandhom jigu respinti; ghal kull buon fini l-esponenti jirrileva illi huwa pensjonant u l-pensjoni tikkostitwixxi l-unika forma ta' introjtu tieghu.

3. Illi b' referenza ghall-hames sat-tmien talba, dawn ghandhom jigu michuda stante illi ma kienx il-konvenut li wassal sabiex il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet kontendenti tkissret, u ghaldaqstant, il-komunjoni tal-akkwisti ghandha tigi diviza u assenjata fi kwoti ndaqs bejn il-partijiet, inkluz fir-rigward tal-fond matrimonjali.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-AIC Valerio Schembri;[1]

Rat ir-rapport tal-perit legali l-Avukat Dottor Robert Abela;[2]

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut fit-termini tal-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kapitlu 16; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

Min-naha tieghu l-konvenut, ghalkemm jaqbel li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, jattribwixxi l-htija lill-attrici..

**Separazzjoni Personali**

Illi l-partijiet izzewwgu fil-5 ta' Ottubru 1964, u minn dan iz-zwieg ghandhom tfal li llum huma maggjorenni. Fit-28 ta' Settembru 2001 l-attrici bdiet il-proceduri ghas-separazzjoni personali, u f' Ottubru 2005, u allura fil-mori tal-kawza, telqet mid-dar matrimonjali.

Illi rigward it-talba ghas-separazzjoni personali, il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet maghmula, u mal-konkluzjoni raggjunta mill-abbli perit legali fir-relazzjoni tieghu.

Il-Qorti taqbel li, ghalkemm kienu jsehhu argumenti bejn il-partijiet, b'tghajjir reciproku konsegwenzjali, ma jirrizultax provat l-adulterju, is-sevizzi u l-eccessi, u l-abbandun; izda jirrizulta li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment in vista tal-litigji kontinwi bejn il-partijiet

[1] Vol.1 – fol.146 *et seq.*
[2] Vol.2 – fol.331 *et seq.*

rizultat ta' nkompatibilita' bejn il-karattru rispettiv tal-partjiet.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali hija gustifikata stante li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort taz-zewg partijiet.

**Manteniment**

Illi anke f' dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet, u konkluzjoni tal-perit legali li mexa fuq id-digriet numru 1504/2001 moghti mill-Onorabbli Sekond' Awla tal-Qorti Civili li permezz tieghu gie ordnat li l-pensjoni percepita mill-konvenut ghanhda tinqasam ugwalment bejn il-partijiet b' tal-mod li l-attrici tibda tircevi nofs tal-istess bhala manteniment ghaliha.

Illi din il-Qorti, fic-cirkostanzi tikkonsidera ghaqli u gust li din l-ordni, li giet segwita tul il-proceduri, tibqa' fis-sehh, u ghalhekk qed tikkonferma dan l-arrangament.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi din tikkonsisti fis-segwenti assi:
[1] Id-dar matrimonjali 'Siggiewi, b' garaxx interkonness, li skond il-perit AIC Valerio Schembri mhijiex komodament divizibbli; u l-ghamara li hemm fiha, salv dak li hu parafernali tal-partijiet;
[2] Kontijiet Bankarji u Investimenti Finanzjarji;
[3] Vettura – Toyota;
[4] Flus kontanti – LM1,700 [illum €3,960];

Il-Qorti taqbel mal-assenjazzjoni kif proposta mill-perit legali; ghalhekk tordna s-segwenti assenjazzjoni:

[1] Id-dar u l-garage jinbieghu fuq is-suq hieles fi zmien <u>sitt [6] xhur</u>, u fin-nuqqas jinbieghu taht l-awtorita' tal-Qorti; u r-rikavat, jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Matul il-perijodu ta’ sitt xhur il-proprjeta’ tal-fondi mmobbli ghandha tibqa’ in komuni, b’ mod li kull parti jkollha d-dritt tal-uzu tad-dar.

[2] li l-ghamara ezistenti fid-dar ghandha tinbigh bl-istess mod indikat fil-partita [1].

Illi fil-kaz li wahda mill-partijiet tkun tixtieq li zzomm ghaliha personali xi oggett mobbli formanti parti mill-komunjoni, din ghandha thallas lill-parti l-ohra nofs il-valur tal-oggett li tkun ser izzomm.

Illi l-istima, kemm tal-fondi mmobbli kif ukoll tal-ghamara, ghandha tigi konkordata bejn il-partjiet;  u fin-nuqqas ta’ ftehim dwar dan, il-Qorti qed tinnomina bhala espert lill-imsemmi perit Valerio Schembri biex jaghmel stima tal-immobbli, u lil Vincent Ciliberti, stimatur, biex jaghmel stima tal-oggetti mobbli – kollox a spejjez ugwali bejn il-partijiet.

Illi rigward il-kontijiet tad-dawl u ilma, u tat-telefown relattivi ghad-dar matrimonjali, il-Qorti taghmel referneza ghan-nota u dokumenti prezentati mill-konvenut fit-30 ta’ Marzu 2010 li juri arretrati sa Dicembru 2004,fl-ammonti ta’ €930.44 u €2,213.94, rispettivament;  u tordna li dawn l-ammonti jigu divizi ugwalment bejn il-partjiet.  Inoltre tordna li l-ammonti ulterjuri dovuti sal-ahhar ta’ Ottubru 2005 jigu divizi wgwalment bejn il-partijiet, filwaqt li l-kontijiet ulterjuri ghal dan il-perijodu jibqghu kollha a kariku tal-konvenut.

[3] Kontijiet Bankarji u Investimenti Finanzjari
Il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet, u l-konkluzjonijiet tal-perit legali;  u konformament tordna li – stante li mill-provi jirrizulta li dawn l-effetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti diga’ gew divizi bejn il-partijiet u kull parti hadet sehemha u diga’ bdiet taghmel uzu minnhom – kull investiment u depozitu li hemm registrat fil-prezent fuq il-partijiet ghandhu jigi assenjat lil dik il-parti li fuqha huma registrati.

[4] Il-vettura Toyota ghandha tigi assenjata lill-konvenut li min-naha tieghu ghandhu jhallas lill-attrici nofs il-valur attwali taghha.

[5] Tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta' LM850 [€1,980] rapprezentanti s-sehem taghha mis-somma globali ta' LM1,700 [€3,960].

**Parafernali**
Il-Qorti taddotta fl-intier tieghu l-kontenut tas-sezzjoni [E] intestata "Oggetti Parafernali" fil-pagni 36 sa 37 tar-rapport tal-perit legali, li kopja taghhom qed tigi annessa mal-gudizzju odjern sabiex tifforma parti ntegrali mill-istess [Appendici A][3].

Konformament tordna li l-oggetti ndikati fil-partita [1], jekk ghadhom jeziztu, u dawk indikati fil-partita [3] ghandhom jigu konsenjati lill-attrici; filwaqt li l-oggetti ndikati fil-partita [1], fit-tieni taqsima, ghandhom jigu assenjati lill-konvenut.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:
[1] tilqa' l-ewwel talba limitatament u fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali stante li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment tort tat-tnejn;
[2] tilqa' t-tieni talba;
[3] tilqa' t-tielet talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit u ndikat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[4] tichad ir-raba' talba;
[5] tichad il-hames talba;
[6] tilqa' is-sitt talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti, u tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';
[7] tilqa' is-seba' talba, u tiddikjara li z-zewg partijiet jirrestitwixxu l-oggetti parafernali kif indikat fis-sezzjoni ntestata 'Parafernali';
[8] tichad it-tmien talba;

[3] Fols.336 - 337

Spejjez tar-rapport peritali jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet, filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------